19 ta' Jannar, 1948

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Presid*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Salvatore Spiteri *versus* Giuseppe Spiteri

**Kummerċjant — Liċenza — Impjegat — Atti ta' Kummerċ — Kompetenza — Art. 640 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-fatt li kummerċjant ikollu l-liċenza relativa għall-kummerċ tieg f'isem il-mara mħabba l-fatt li huwa jkun impjegat ma jneħħi il-kwalità ta' kummerċjant; għax billi huwa jeżerċita l-kumm okkultament u ma jagħmelx mill-kummerċ l-uniku mezz tas-sistenza tiegħu, huwa jibqa' xorta waħda kummerċjant.*

*Il-liġi tattribwixxi lill-Qorti tal-Kummerċ il-konjizzjoni tal-kawżi lka relativi għall-atti tal-kummerċ bejn kull xorta ta' persuni*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni nru. 750 ta' l-1947, p żentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà T għu r-Re, li bih l-attur talab li l-konvenut jiġi kundann jagħtih lura sitt btieti ta' l-inbid vojta fi żmien qasir u rentorju fil-każ li dawk il-btieti jinsabu fi stat tajjeb, u in fett iħallas lilu s-somma ta' £33 jew somma oħra verjuri bħa korrispettiv għall-prezz ta' l-istess btieti; bl-ispejjeż, inkl dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Settembru 1947, u bl-i għax mid-data tan-notifika ta' dik l-ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti tad-29 ta' Novemb 1947, li biha ddikjarat ruħha inkompetenti "ratione ma riae"; wara li kkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta illi l-konvenut hu kummerċjant, għaliex jeżerċita attijiet ta' kummerċ b'tit ta' professjoni f'ismu proprju, u jirriżulta wkoll li hu xtara inbid fil-btieti in kwistjoni sabiex jirrivendih. L-eċċezzjo ta' l-inkompetenza ta' dina l-Qorti hija kwindi fondata u għa dha tiġi milqugħa. Xejn ma jimporta l-fatt li l-liċenzi relati għall-kummerċ tal-konvenut qegħdin f'isem martu u li huw impjegat mal-Gvern, u li bħala tali, kif igħid l-attur, ma ji

tax jikkummerċja; u dana għaliex il-kummerċjant ma jispiċċax li jkun tali għar-raġuni li jeżerċita okkultament il-kummerċ, u mhux neċessarju illi hu jagħmel mill-kummerċ l-uniku mezz tas-sussistenza tiegħu, u hu jibqa' kummerċjant anki jekk jeżerċita l-kummerċ fil-waqt li jkollu impjeg li jġib miegħu d-divjet li jikkummerċja; għal liema raġuni, evidentement, il-konvenut ġiegħel li l-liċenzi relativi għall-kummerċ tiegħu jkunu f'isem martu. Insibu nfatti fin-"Note di Diritto Commerciale Maltese" ta' l-Ordinarju tal-Kattedra tad-Dritt Kummerċjali fl-Università ta' Malta mill-1920 sa l-1937:— "Sebbene la pubblicità dell'esercizio del commercio possa facilitare la prova della qualità commerciale di un individuo, il commerciante non cessa di essere tale per il solo motivo che egli esercita il commercio occultamente. Non è raro, infatti, il caso di persone che, godendo un impiego che porta seco il divieto di commerciare, trovano necessario di tenere celata la loro attivitá mercantile. Giova ancora rilevare che, sebbene il commerciante per essere tale deve dedicare al commercio la sua attività, non è però necessario che egli ne faccia l'unico mezzo di sussistenza; u fu perciò che anche la parola "principale" venne tolta dall'originaria definizione francese. A ciascuno è lecito adunque applicarsi contemporaneamente ad altro genio di attività che gli procuri altri guadagni, e non sarà meno commerciante colui che, dedicato ad altre operazioni, compia nel medesimo tempo attività di commercio in modo reiterato e sistematico. Così infatti nella causa "Dottor Amato vs. Xuereb", Commercio 20 giugno 1915 (Vol. XXII, Parte III, pag. 214) fu ritenuto che anche un impiegato di governo o altro impiegato qualunque può essere ritenuto commerciante se egli abitualmente per professione esercita atti di commercio" (Mallia, Lezioni di Diritto Commerciale Maltese). Inoltri, l-art. 640 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jattribwixxi lill-Qorti tal-Kummerċ il-konjizzjoni tal-kontroversji kollha relativi għall-attijiet tal-kummerċ bejn kull xorta ta persuni, u ġà fuq ġie rilevat illi l-inbid ġie mill-konvenut mixtri biex jirrivendih. L-attur lanqas ma jista' jippretendi temperament fil-kap ta' l-ispejjeż minħabba l-fatt li l-liċenzi fuq indikati qegħdin f'isem

mart il-konvenut; fi kliem ieħor billi jġib bħala skuża li ma kienx jaf li n-negozju hu tal-konvenut u mhux ta' martu, u dana għaliex dik l-iskuża ma jistax iġibha billi l-kawża għamilha kontra l-konvenut u mhux kontra l-mara ta' dana;

Rat ir-rikors ta' l-attur fejn talab lil dina l-Qorti biex tiddikjara liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża;

Peress li jirriżulta li l-konvenut il-lum jeżerċita l-kummerċ u l-attur huwa kummerċjant ukoll, kif ukoll l-operazzjoni hija inerenti għall-kummerċ;

Għalhekk tiddikjara li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża hija l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re. Tordna li l-kawża tiġi mibgħuta quddiem dik il-Qorti biex tiġi trattata u deċiża minnha. L-ispejjeż ta' l-inċident jitħallsu mill-attur.